C/2025/6580

11.12.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/6580)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Esrom"

PGI-DK-0329-AM01 — 15.9.2025

1. **Isem il-prodott**

"Esrom"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ Denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)

☒ Indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)

☐ Indikazzjoni Ġeografika (IĠ)

3. **Settur**

☒ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Id-Danimarka

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Fødevarestyrelsen [L-Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari Daniża]

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

Spjegazzjoni għaliex l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda standard kif previst fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143:

L-emendi jikkonċernaw bidliet editorjali u aġġornamenti ta' ebda importanza kbira.

L-applikazzjoni biex tiġi emendata l-indikazzjoni ġeografika protetta "Esrom" ma taqa' taħt l-ebda wieħed mit-tliet każijiet previsti fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 li jikkostitwixxi emenda tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli, jiġifieri:

(a) bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem;

(b) riskju li titneħħa r-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku;

(c) aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Esrom" hija kklassifikata bħala emenda standard skont it-tifsira tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

1. *Dokument uniku mfassal*

Tfassal dokument uniku peress li l-ebda dokument ma kien ġie ppubblikat qabel.

Din l-emenda taffettwa d-dokument uniku.

2. *L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 2.1, "Kompożizzjoni", tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott*

"Esrom 20+: xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 20 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 47 %

"Esrom 30+: xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 30 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 48 %

"Esrom 45+: xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 45 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 50 %

"Esrom 60+: xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 60 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 57 %"

ġiet emendata għal:

"Esrom jista' jiġi prodott bil-livelli ta' xaħam li ġejjin:

— xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 20 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 47 %

— xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 30 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 48 %

— xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 45 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 50 %

— xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 60 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 57 %".

Raġuni: Emenda redazzjonali.

Din l-emenda saret fit-taqsima "Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)" tad-dokument uniku.

L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

3. *L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7, "Ċertifikazzjoni u korp ta' spezzjoni", tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott*

Raġuni: It-taqsima tħassret peress li l-informazzjoni dwar min huwa responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-orodott ma titqiesx rilevanti għall-inklużjoni fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Barra minn hekk, dak il-kompitu ma għadux delegat, iżda issa qed jitwettaq mill-Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari Daniża.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

4. *L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, "Tikkettar" tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott*

Il-kliem "Esrom 20+, Esrom 30+, Esrom 45+ u Esrom 60+, skont il-kontenut tax-xaħam, flimkien ma' 'indikazzjoni ġeografika protetta' jew 'IĠP'" tħassru.

Raġuni: Ir-rekwiżit li l-isem jiġi ssupplimentat b'"indikazzjoni ġeografika protetta" jew "IĠP" diġà huwa applikabbli u għalhekk ma għandux għalfejn jiġi riprodott fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Barra minn hekk, it-test preċedenti ma kienx xieraq peress li ssuġġerixxa li l-kontenut tax-xaħam fil-materja niexfa jista' jiġi indikat direttament flimkien mal-indikazzjoni ġeografika protetta Esrom.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

5. *L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 9, "Rekwiżiti Nazzjonali" tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott*

It-taqsima kollha tħassret.

Raġuni: Ma hemm l-ebda rekwiżit nazzjonali speċifiku.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

6. *L-isem u l-indirizz tal-grupp ta' produtturi ġew aġġornati, iżda għall-bqija t-taqsima tibqa' l-istess*

Raġuni: Id-dettalji ta' kuntatt tal-grupp ta' produtturi ġew aġġornati.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

"Esrom"

Nru tal-UE: PGI-DK-0329-AM01 — 15.9.2025

DOP ( ) IĠP (X)

1. **Isem/Ismijiet**

"Esrom"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Id-Danimarka

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

04 — PRODOTTI TAL-ĦALIB; BAJD TAL-GĦASAFAR; GĦASEL NATURALI; PRODOTTI TAJBIN GĦALL-IKEL ĠEJJIN MILL-ANNIMALI, LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA

0406 — Ġobon u baqta

0406 90 — Ġobon ieħor

0406 90 79 — Esrom, Italico, Kernhem, Saint-Nectaire, Saint-Paulin, Taleggio

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Ġobon tal-baqta skulata, minn semisod sa sod, misjur, prodott mill-ħalib tal-baqra Daniża.

Kompożizzjoni:

"Esrom" jista' jiġi prodott bil-livelli ta' xaħam li ġejjin:

1. xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 20 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 47 %
2. xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 30 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 48 %
3. xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 45 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 50 %
4. xaħam minimu fil-materja niexfa ta' 60 %; kontenut minimu ta' materja niexfa ta' 57 %

Forma u piż (ġobon sħiħ):

(a) rettangolari: tul ta' bejn wieħed u ieħor id-doppju tal-wisa'. 1: għoli 3,5–4,5 cm, piż 0,2–0,5 kg 2: għoli 4,0–7,0 cm, piż 1,3–2,0 kg

(b) rettangolari: għoli 4,0–7,0 cm, piż ta'mill-anqas 2 kg

Fuq barra:

Qoxra kommestibbli rqiqa, ratba, ta' kulur safrani għal isfar fl-oranġjo, miksija bi krosta nadifa, kważi xotta, sottili u ta' kulur uniformi minn kannella safrani għal kannella ħamrani, miksuba permezz ta' mikroflora. Il-ġobnijiet aktar qodma għandhom superfiċje kemxejn żejtnija minħabba l-formazzjoni mill-ġdid tal-krosta tal-mikroflora.

Kulur:

Kulur uniformi minn safrani għal abjad.

Struttura:

Toqob imqassmin b'mod ugwali, irregolari, ta' daqs bejn wieħed u ieħor tal-ħbub tar-ross.

Konsistenza:

Uniformi fil-ġobon kollu. Ratba, iżda adattata għall-qtugħ. Riħa u togħma: Ħafifa, aċiduża, aromatika, ikkaratterizzata mill-maturazzjoni tas-superfiċje. Ir-riħa u t-togħma li joħorġu mill-maturazzjoni tas-superfiċje jsiru dominanti hhuwa u jimmatura l-ġobon.

Żmien ta' maturazzjoni:

Mill-inqas ġimagħtejn.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

"Esrom" jiġi prodott esklussivament minn ħalib miż-żona ġeografika.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-passi kollha tal-produzzjoni jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

—

4. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Id-Danimarka

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Prova tal-oriġini: "Esrom" jiġi prodott esklussivament minn ħalib miż-żona ġeografika. Id-dokumentazzjoni ta' dan tiġi vverifikata mill-korp ta' spezzjoni, li jrid juri lill-korp ta' akkreditazzjoni li jkun wettaq dan il-kontroll. Jinżammu rekords preċiżi tal-fornituri kollha, peress li dawn jiffurmaw il-bażi għall-pagamenti għall-ħalib. Qabel ma jintbagħtu, il-ġobnijiet jiġu ttikkettati f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu traċċati lura sal-maħleb. It-tikkettar huwa mmonitorjat mill-awtoritajiet. Metodu tal-produzzjoni: Il-ħalib tal-baqra Daniż mhux ipproċessat huwa standardizzat fir-rigward tal-kontenut tax-xaħam u jiġi ppasturizzat f'temperatura baxxa. Jiżdiedu l-istarters u t-tames. Il-baqta tinqata' b'sikkina meta tintlaħaq is-sodezza xierqa. It-taħlita mbagħad titħawwad, tiskula mix-xorrox u tissaħħan. Il-baqta titferra' fil-forom u l-ġobnijiet imbagħad jiġu ppressati ftit. Il-ġobnijiet jiġu mkessħa, immellħa, is-superfiċje tagħhom tiġi ttrattata b'kultura ta' mikroflora tal-krosta u mbagħad il-ġobnijiet jinħażnu f'umdità għolja. Wara l-maturazzjoni, il-ġobnijiet jinħaslu, jitnixxfu u jiġu ppakkjati. Link: Żviluppat mill-patrijiet fl-Abbazija ta' Esrom fis-sekli 12 u 13. Żviluppat aktar fl-Istitut tar-Riċerka tal-Gvern għall-Industrija tal-Ħalib f'nofs is-snin 30. Il-ġobon ġie prodott għall-ewwel darba fil-Midtsjællands Herregårdsmejeri u mbagħad f'imħaleb oħra. Kemm ġewwa kif ukoll barra l-Komunità, "Esrom" għandu reputazzjoni li huwa speċjalità ta' oriġini Daniża. Dik ir-reputazzjoni nkisbet permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi u ħidma mwettqa mill-assoċjazzjoni tal-produtturi matul dawn l-aħħar 40 sena biex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodott u jiġu ppreservati l-karatteristiċi tradizzjonali partikolari tiegħu.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://foedevarestyrelsen.dk/Media/638924859678122605/Produktspecifikation%20for%20esrom%20-%20september%202025.pdf